MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 1614/1994/1

**Alexander u Mark Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` 'Studio Moda Limited'**

**v.**

**Anthony u Marquita konjugi Briffa u Raymond Fenech ghan-nom u in rapprezentanza ta' Bryx Company Limited ghal kull interess li jista' jkollu, u b'nota tat-23 ta' Jannar 1995 Marquita Briffa assumiet l-atti f'isem zewgha Anthony li jinsab imsiefer**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentat fit-23 ta' Novembru 1994 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc l-atturi nomine premettew illi fuq inkarigu tal-konvenut Raymond Fenech nomine li kien il-*Project Manager* inkarigat mill-konvenuti konjugi Briffa fix-xoghlijiet li huma kienu qed jaghmlu fl-istabbiliment Swish Boutique, f'Bisazza Street, Sliema, l-atturi esegwew ix-xoghol tas-soffit u fornew il-materjal ghall-istess fil-*groundfloor* (is-sular ta' fuq li jaghti ghat-triq Bisazza) liema xoghol gie esegwit kompletament versu l-prezz komplessiv ta' elf, tlett mija u hamsa u tmenin Lira u disgha u tletin centezmu (Lm1,385.39) kif jidher mill-anness dokument (Dok A) liema prezz il-konvenuti jew min minnhom qed jirrifjutaw li jhallsu lill-atturi nomine nonostante li gew interpellati (Dok A1); illi l-atturi kienu anke gew inkarigati li jistallaw is-soffit fl-istess stabbiliment fuq imsemmi izda fil-*basement* tal-istess u kienu qeghdin fil-kors tal-ezekuzzjoni ta' dan ix-xoghol, li ghalih anke inversaw il-materjal meta gew imwaqqfin milli jkomplu l-appalt verbalment izda kif gie konfermat bl-ittra tal-11 ta' Novembru 1994 (Dok A2) u per konsegwenza l-atturi nomine ma thallsux mill-konvenuti Briffa ghax-xoghol li kienu lahqu ghamlu u l-materjali minnhom stallat oltre l-qliegh li messhom ghamlu mill-istess appalt gialadarba l-appaltaturi - il-konvenuti Briffa - ghazlu li jissospendu mill-inkarigu lill-atturi nomine; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:

"1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi nomine s-somma ta' Lm1,385.39 prezz ta' xoghol ta' soffit mill-atturi esegwit u l-materjal minnhom fornit oltre l-imghax kummercjali dovut mit-22 ta' Novembru 1994 skond kif jidher mid-Dokument A1;

"2. Prevja li l-appalt dwar is-soffit tal-*basement* gie sospiz mill-konvenuti Briffa, tillikwida permezz ta' periti nominandi dak il-kumpens dovut lill-atturi nomine ghax-xoghol parzjalment esegwit u l-materjal fornit sakemm huma gew sospizi milli jkomplu l-appalt u d-danni li sofrew konsistenti f'telf ta' profitt li kien messhom ghamlu minn dana l-appalt li gie hekk sospiz;

“3. Tikkundanna lill-konvenuti Briffa li jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

“Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri legali tad-9 ta’ Novembru 1994 kontra l-konvenuti jew min minnhom;”

B’nota tat-23 ta’ Jannar 1995 (fol. 13) il-konvenuti konjugi Briffa eccepew:-

“1. Illi l-esponenti qatt ma kellhom relazzjoni guridika ma’ l-atturi nomine. L-inkarigu inghata mis-socjeta` konvenuta l-ohra;

“2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ix-xoghol sar hazin u mhux skond l-arti u s-sengha;

“3. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

“Salvi eccezzjonijiet ohra;”

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fl-10 ta’ Ottubru, 2007 bil-mod segwenti:

“Ghal dawn il-motivi;

“Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi takkolji l-ewwel domanda attrici b’dan illi s-somma li l-konvenuti konjugi Briffa qed jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici hi ta’ elf mija u sebghin Lira, disgha u tletin centezmu (Lm1,170.39) prezz ta’ xoghol ta’ soffitt. Fuq din is-somma jiddekorru l-interessi kif mitluba fic-citazzjoni. Tilqa’ t-tieni u t-tielet domandi billi fl-ewwel lok tillikwida s-somma dovuta ghal materjal fornit ghax-xoghol fil-*basement* fl-ammont ta’ mitejn u hamsa u tletin Lira Maltija, hamsa u sittin centezmu (Lm235.62) liema ammont il-konvenuti qed jigu

ordnati jhallsu lill-atturi nomine flimkien ma' l-interessi fuq din is-somma mid-data ta' din is-sentenza;

"L-ispejjez gudizzjarji jitbatew mill-konvenuti konjugi Briffa li lilhom jibqa' minn issa rizervat kull dritt ta' azzjoni fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Bryx Limited."

Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet u kostatazzjonijiet.

"Mill-attijiet tal-kawza jirrizulta li l-kreditu reklamat mis-socjeta` attrici hu relatat ma' appalt ta' tqeghid ta' soffitt fil-hanut tal-konvenuti, konjugi Briffa. Dawn min-naha taghhom jikkontestaw dan il-kreditu fuq il-binarju duplici li:-

"(1) qatt ma kellhom relazzjoni negozjali mas-socjeta` attrici;

"(2) ix-xoghol gie ezegwit hazin u mhux skond l-arti u s-sengha;

"Din l-istess Qorti kif presjeduta gja` kellha l-opportunita` taghmel ir-riflessjonijiet taghha taht in-numru (1) fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Falzon nomine v. Marquita Briffa et", deciza fis-27 ta' April 2005. Bhal f'dak il-kaz, it-tezi tal-konvenuti Briffa hi illi huma personalment qatt ma ftehmu mas-socjeta` attrici izda gew informati bl-appalt mis-socjeta` Bryx Limited, minnhom stess inkarigata bhala *Project Manager*. Sintetikament, f'dik id-decizjoni l-ohra l-Qorti ddefiniet il-figura guridika tal-*Project Manager* billi kkwalifikatu bhala l-mandatarju rapprezentattiv tal-konvenuti Briffa, moghti l-funzjoni li jirrealizza l-kontrattazzjonijiet mad-diversi appaltaturi u jiehu hsieb il-kontroll tax-xoghlijiet ezegwiti minn dawn. Kif tajjeb imtenni mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (29 ta' Awwissu 2000, Numru 11359), *"costituisce obbligazione del direttore dei lavori l' accertamento della conformita sia della progressiva realizione dell' opera al progetto, sia della modalita` dell' esecuzione di essa al capitolato e/o alle regole della tecnica, e pertanto egli non si sottrae a responsabilita ove ometta di vigilare e di impartire le opportune disposizioni al riguardo, nonche di controllare l'*

*ottemperanza da parte dell' appaltatore ed, in difetto, di riferire al committente";*

"Il-precitata attivita` da parti tas-socjeta` mandatarja Bryx Limited hi ulterjorment kwalifikata bhala attivita zvolta fl-interess tal-konvenuti Briffa - li jfisser illi r-rizultat ta' dak li ghamlet l-imsemmija socjeta` jirrikadi fuq il-patrimonju tal-mandanti konjugi Briffa. Dan fis-sens espress fl-Artikolu 1880 tal-Kodici Civili li l-mandanti ghandu jesegwixxi l-obbligazzjoni li l-mandatarju jkun ikkuntratta. Min-naha l-ohra l-mandanti jista' ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt jagixxi direttament kontra dak li mieghu l-mandatarju jkun ikkuntratta (Artikolu 1870, Kodici Civili). Jinsab spjegat illi din l-azzjoni tal-mandanti hi "bhala konsegwenza tal-principju illi l-mandatarju ma jikkuntrattax izda jinterponi l-opra tieghu f'isem il-mandant, li ghalhekk ghandu jitqies bhala dak li kkuntratta" ("Andrea Spiteri v. AIC Edward Vassallo et", Prim Awla, Qorti Civili, 21 ta' Jannar 1954). Konsegwentement jinghad b'illustrazzjoni f'din l-istess decizjoni illi "jekk il-perit li gie nkarigat minn sid il-fond biex jiehu hsieb ir-rikostruzzjoni tieghu jqabbad bennej ghal dik ir-rikostruzzjoni, dak il-bennej jista' jagixxi kontra s-sid ghall-hlas tax-xoghol tieghu, u ma jistax is-sid jippretendi li lil dak il-bennej ma jafux, u li ghalhekk ghandu jigi liberat minn dik it-talba, sija pure *ab observantia*";

"Kif manifest, l-accennata decizjoni ghandha tirrispondi sew lill-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Briffa. Forsi jista' agguntivament jizdied illi kieku ma kienx jezisti r-rapport guridiku krejat tramite l-intervent tal-mandatarja socjeta` Bryx Limited il-konvenut Anthony Briffa ma kienx ikun jista' direttament jittermina l-appalt f'dan il-kaz. Il-fatt li dan ghamlu jkompli jsahhah il-fehma illi hu nnifsu kien qed jirrikonoxxi illi tali relazzjoni bejnu, qua kommittent, u s-socjeta` attrici, qua appaltatrici, kienet effettivament tissussisti. F'dawn ic-cirkostanzi huwa impossibbli li jigi accettat illi fil-prattika ma kienx hemm relazzjoni jew li din ma ffurmatx ruhha bis-sahha tal-affidament tal-gestjoni tax-xoghlijiet moghtija mill-konvenuti Briffa lis-socjeta` konvenuta Bryx Limited meta hu hekk apparenti illi tali affari tintegra l-presupposti tal-mandat espress konferit.

In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel eccezzjoni qed titqies ghal kollox insostenibbli;

"Ferma l-posizzjoni legali tar-relazzjoni bejn il-kontentendi, il-kwistjoni principali tidher li taggira fuq il-kwalita` tax-xoghlijiet esegwiti mis-socjeta` attrici;

"Mill-provi migjuba fil-proceduri quddiem il-perit tekniku, kif ukoll mill-opinjonijiet ta' dan, jistghu jigu rikapitulati s-segwenti punti ta' riljev:-

"(1) Ix-xoghol tas-soffitt inhadem skond disinn ippreparat mis-socjeta` Bryx Limited. Instab li dan id-disinn kien nieqes minn certi dettalji importanti bhal inspection points ghal manutenzjoni tas-sistema elettrika u kellu fih mankanzi peress illi, kif ikkonstatat, kienu ppjantati kurvi b'radici differenti;

"(2) L-ezekuzzjoni tal-appalt da parte tas-socjeta` attrici kellu deficjenzi u imperfezzjonijiet. Fuq l-istat generali ta' dawn id-deficjenzi r-relazzjoni peritali taskrivihom ghan-nuqqas ta' uniformita` fl-ucuh tas-soffitt, nuqqas ta' pparaggjar tal-*joints*, mankanzi fl-allinjament tal-kurvi mar-rokna tal-ambjent u deficjenzi varji ohrajn. Fir-rigward il-perit relatur jidher li jaghmel tieghu l-verifiki maghmula mill-Arkitett Sammut Tagliaferro ikkonsultat mill-konvenuti Briffa;

"(3) Is-socjeta` Bryx Limited ma ghamletx sorveljanza adegwata biex tikkontrolla l-kwalita` tax-xoghol fil-kors tal-ezekuzzjoni tieghu mill-kumpanija attrici;

"Stabbilit ghal mument il-premess, huwa principju ben zviluppat fil-gurisprudenza illi l-appaltatur hu tenut jesegwixxi l-opra miftehma skond id-dettami tal-arti u s-sengha. Ara Kollez. Vol. XXVII P I p 374 u Vol. XLI P II p 892. Huwa, imbaghad, lanqas ma jista' japprofitta ruhu minn negligenza ta' min gie fdat lilu d-direzzjoni tax-xoghlijiet u jitrasgredixxi d-dettami tal-arti (Kollez. Vol. XLVI P III p 746). Kif sewwa hafna osservat "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-

ezekuzzjoni hazina tax-xoghol, u dan avolja s-sorveljanza ta' dak ix-xoghol ikun hemm perit imqabbad mill-appaltant, jekk il-vizzju tax-xoghol ikun fil-lavorazzjoni u mhux fid-direzzjoni tal-perit, u anke jekk il-perit jista' talvolta jkun kolpevoli fis-sorveljanza" (Kollez. Vol. XXXVII P III p 883);

"Jitnissel minn dan illi l-obbligazzjoni ta' min jippresta l-operat tieghu hi dik li jaghmel xoghol tajjeb, ezenti minn vizzji u difformitajiet fl-ezekuzzjoni. Jekk jinstab li dak ix-xoghol tieghu kien imperfett ma jistax jistahba wara l-konkors ta' htija ta' min kien responsabbli mill-progett. Dan, ovvjament, ghar-raguni illi kull wiehed ghandu jerfa' r-responsabilitajiet proprji tieghu;

"Affermat dan il-principju, fil-kaz in ezami ghalkemm il-perit tekniku ddetermina l-ezistenza tad-difetti fix-xoghol ezegwit mis-socjeta` attrici, huwa opina wkoll illi tali difetti ma kienux tali li jirrendu l-opra ghal kollox inadatta ghad-destinazzjoni taghha in kwantu dawk l-istess difetti kienu, fil-fehma tieghu, facilment eliminabbli. Fuq dan il-punt huwa, evidentement, jiddipartixxi mill-veduta espressa mill-perit inkarigat mill-konjugi Briffa;

"Li gara f'dan il-kaz hu li meta l-imsemmija konjugi Briffa issospendew l-appalt huma ma nsistewx ukoll ghall-eliminazzjoni tad-difetti. Minflok, u minkejja d-difetti huma utilizzaw is-soffitt fl-istat li kien ghal bosta snin sakemm is-soffitt ikkrolla fil-mori tal-kawza bil-perkolazzjoni ta' ilma mis-sular sovrastanti. Issa huwa veru dak sottomess minn dawn il-konvenuti illi l-fatt li s-suffitt kien uzat minnhom ghal hames snin ma jillegittimax ix-xoghol hazin. Fil-hsieb tal-Qorti, pero`, dan l-istess fatt jimmilita kontra l-veduta espressa illi d-difetti kienu sostanzjali. Pjuttost l-invers hu l-kaz tenut rigward tal-fatt accertat illi d-difetti riskontrati ma pprivawx lill-konvenuti milli jiehdu l-utilita`, ghal tant snin, tax-xoghlijiet ezegwiti;

"Il-Qorti trid tindirizza wkoll is-sottomissjoni l-ohra tal-konvenuti tal-assenza tal-prova ta' xi intenzjoni jew disponibilita` tas-socjeta` attrici li taghmel ix-xoghlijiet rimedjali. L-ewwelnett, qatt ma giet espressa xi intenzjoni

kuntrarja. Fit-tieni lok kien jispetta lill-konvenuti, qua kommittenti, illi jirrivolgu ruhhom b'insistenza biex is-socjeta` attrici tadempixxi ruhha ma' dik l-obbligazzjoni kuntrattwali tal-adempiment billi telimina l-vizzji u d-difformitajiet fix-xoghlijiet. Tali tutela kienet certament lilhom akkordata fl-ambitu tar-rapport kuntrattwali u fl-event li s-socjeta` attrici tibqa' passiva, il-konvenuti kellhom dejjem, ex-Artikolu 1127 tal-Kodici Civili, il-possibilita` li huma stess jipprocedu ghall-eliminazzjoni tad-difetti ghal kaz li s-socjeta` attrici tonqos li tadempixxi l-obbligazzjoni di fare. Dan ukoll anke fin-nuqqas ta' talba kundannatorja di fronte ghas-socjeta` attrici ghall-alterazzjoni forzuza in forma specifika jew dik tar-rizarciment tad-danni. Mhux accettabbli li l-konvenuti nfushom jibqghu inattivi ghal tant snin u minn fuq ghax rinfaccjati bid-domanda ghal hlas u bir-rizultanzi peritali jippretendu illi kien messha l-istess socjeta` attrici tattiva ruhha biex taghmel ir-riparazzjonijiet okkorrenti;

"Maghdud dan, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi mhux sew lanqas fic-cirkostanzi li s-socjeta` attrici tithallas l-intier tas-somma pretiza. Thoss pjuttost li huwa gust u xieraq li l-pagament mitlub ghandu jigi ridott fil-mizura korrispondenti ghall-ispiza necessarja ghall-eliminazzjoni tad-difetti u li, skond il-perit tekniku, tammonta ghal mitejn u hmistax-il Lira (Lm215). Dan igib li l-ammont effettivament dovut lis-socjeta` attrici fuq l-ewwel domanda ghandu jkun ta' elf mija u sebghin Lira, disgha u tletin centezmu (Lm1,170.39);

"Kwantu ghat-tieni domanda din il-Qorti ma nghatat ebda raguni kuntrarja biex tiddevja mill-konkluzjoni peritali illi ghall-materjal intiz li jsir fil-*basement* il-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb bil-hlas lis-socjeta` attrici tas-somma ta' mitejn u hamsa u tletin Lira, hamsa u sittin centezmu (Lm235.65). Dan anke bl-applikazjoni tal-Artikolu 1640 (3), Kodici Civili."

**L-appell tal-konvenuti Anthony u Marquita konjugi Briffa.**

Il-konjugi Briffa hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fit-30 ta' Ottubru, 2007, talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka u tannulla l-istess sentenza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet u l-appell taghhom, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

Is-socjeta` attrici appellata pprezentat risposta (fl-14 ta' Novembru 2007) ghall-appell fuq imsemmi fejn talbet li l-appell tal-konjugi Briffa jigi michud u tiddikjarah irritu, null, frivolu u vessatorju skond il-ligi u tikkonferma s-sentenza appellata.

**L-aggravji tal-konjugi Briffa.**

Il-konjugi Briffa ressqu, bazikament, zewg aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn jirrispekkjaw l-eccezzjonijiet minnhom sollevati billi qed jerga' jinghad illi:

a) huma ma kellhomx relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici; u

b) li minghajr pregudizzju ghall-premess, ix-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha.

**Ikkunsidrat:**

F'dawn il-proceduri s-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenuti jhallsuha is-somma ta' Lm1,385.39 rapprezentanti prezz ta' materjal u xoghol ezegwit mill-istess socjeta` fuq inkarigu tal-konvenuti gewwa stabbiliment maghruf bhala "Swish Boutique" Bisazza Street, Sliema. Il-konvenuti konjugi Briffa ressqu zewg eccezzjonijiet b'risposta ghat-talba tas-socjeta` attrici fejn bazikament qed ighidu li huma ma kellhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici billi l-inkarigu kien inghata lilha mis-socjeta` Bryx Company Limited; inoltre qed isostnu li x-xoghol sar hazin u mhux skond l-arti u s-sengha.
L-ewwel Qorti cahdet iz-zewg eccezzjonijiet billi fl-ewwel lok irriteniet li l-ewwel eccezzjoni ma kellhiex tigi akkolta in

kwantu rrizulta li x-xoghlijiet ezegwiti kienu gew zvolti fl-interess tal-istess konvenuti peress li rriteniet li l-*Project Manager,* fil-persuna tas-socjeta` Bryx Company Limited, kellu l-aspett ta' mandatarju tal-istess konjugi Briffa. Fit-tieni lok rriduciet l-ammont dovut minhabba xi difetti li rrizultaw u dan fuq parir tal-espert tekniku mahtur minnha.

Il-konvenuti, kif gja` rajna, ghadhom jinsistu fuq l-eccezzjonijiet taghhom billi jsostnu li huma ma kellhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici stante li huma qatt ma kienu ltaqghu qabel ma', jew taw inkarigu lil, din is-socjeta`. Fit-tieni lok qed jissottomettu li, fir-rigward tal-eccezzjoni taghhom dwar xoghol hazin, la l-Perit imqabbad mill-ewwel Qorti (l-AIC Joseph Jaccarini) u lanqas l-istess Qorti "*ma taw piz lill-posizzjoni u opinjoni teknika tal-Perit*" taghhom, cioe` l-opinjoni tal-AIC Nicholas Sammut Tagliaferro.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fir-rigward u hija tal-fehma li dik il-Qorti ghamlet analizi tajba u gusta tas-sitwazzjoni legali li nholqot bejn is-socjeta` attrici u l-konjugi Briffa bhala konsegwenza ta' dan l-appalt, u dan minkejja l-intromissjoni tal-*Project Manager*. Ma huwiex kontestat li s-socjeta` attrici kienet giet inkarigata minn certu Raymond Fenech in rapprezentanza ta' Bryx Company Limited. Biss jirrizulta li qabel ma inghata l-inkarigu l-istess konvenuti Briffa kienu a konoxxenza tal-inkarigu li kien qed jinghata u li, wara kollox, kien intiz sabiex isiru xoghlijiet specjalizzati fil-fond taghhom. Kienu huma li gawdew minn dawn ix-xogholijiet u materjal provdut u mhux is-socjeta` Bryx; u ghalhekk kif jistghu, b'onesta`, l-istess konjugi Briffa jsostnu li ta' dan ix-xoghol huma m'ghandhom ihallsu xejn? Infatti t-tieni eccezzjoni taghhom ixxejjen din l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika billi kif jistghu l-istess konjugi Briffa jsostnu li huma m'ghandhom x'jaqsmu xejn mas-socjeta` attrici meta fl-istess nifs huma jghidu li m'ghandhom ihallsuha xejn ghax x-xoghol, li sar fil-proprjeta` taghhom, ma kienx skond l-arti u s-sengha? Inoltre jigi rilevat li l-fatt li l-istess

konjugi Briffa tterminaw l-appalt tas-socjeta` attrici huwa indikattiv li huma rrikonoxxew r-rabta li kienet tezisti bejnhom u l-istess socjeta`. Ghalhekk jekk din l-eccezzjoni kellha tigi akkolta jigri li l-konvenuti Briffa jkunu arrikkew ruhhom indebitament minn xoghol u materjal li ma kienx intenzjonat ghalihom! Ghal kuntrarju jirrizulta li x-xoghol kien intiz ghal konvenuti Briffa u mhux ghal haddiehor. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

It-tieni aggravju huwa msejjes fuq nuqqas ta' apprezzament tal-provi prodotti mill-ewwel Qorti. Mehuda in konsiderazzjoni l-provi prodotti kif ukoll ir-rapport tal-espert tekniku din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju wkoll ma jirrizultax gustifikat.

Il-konvenuti Briffa qed isostnu li ebda somma ma hi dovuta minhabba difetti fix-xoghol u li dan ma sarx skond l-arti u s-sengha. Effettivament irrizultaw xi difetti u dawn gew mehuda in konsiderazzjoni mill-espert inkarigat li ssuggerixxa li titnaqqas somma mill-ammont reklamat minhabba xi difetti rizultanti. L-ilment tal-appellanti li ma nghatatx konsiderazzjoni ghall-opinjoni tal-perit taghhom huwa infondat. Dan kien espert *ex parte* u la darba l-ewwel Qorti hatret espert hija stess li kellu l-opportunita` jikkonstata x-xoghol u d-difetti, l-opinjoni tal-Perit tal-konvenuti li, jirrizulta giet ukoll kunsidrata mill-istess espert fir-rapport tieghu, ittiehdet in konsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-provi kollha. Il-konvenuti kellhom kull opportunita` li jitolbu l-hatra ta' esperti addizzjonali biex jikkonfutaw r-rapport ta' dan l-espert izda, ghalkemm din it-talba saret, l-istess konvenuti Briffa ma nsistewx fuqha u llimitaw ruhhom ghall-eskussjoni tal-istess perit, u ghal nota ta' sottomissjonijiet. Ghalhekk f'dan l-istadju ma jistghux jilmentaw, in kwantu dak ir-rapport huwa prova li fuqha setghet tistrieh l-ewwel Qorti. Dan l-aggravju, ghalhekk, mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti Briffa qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fit-

totalita` taghha bl-ispejjez ta’ dan l-appell ghall-istess appellanti konjugi Briffa solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------